**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 20 ta' Marzu, 2024**

Kawza Numru: 7/2023 (MPX)

**Elmo Insurance Limited**

**vs**

**Joseph Anthony Mark Paul Dimech Todd**

**<u>Preliminari</u>**

It-Tribunal

Ra l-avviz tas-socjeta` attrici, ipprezentat fil-31 ta' Mejju, 2024, fejn ippremettiet:-

> *"1. Is-socjeta` rikorrenti Elmo Insurance Limited sborsat a favur tar-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijiet 'Janice Xerri vs. Joseph Anthony Dimech et.' (M6125/2021) is-somma komplessiva ta' elf, tmien mija sitta u sebghin Ewro u zewg centezmi (€1,876.02), in linea ta' danni, imghax, spejjez legali, gudizzjarji u VAT, kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur koncernat tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBI 992, liema vettura kienet tappartjeni lill-intimat Joseph Anthony Mark Paul Dimech-Todd, u kienet ukoll qieghda tinstaq minnu.*
>
> *2. Illi di piu`, peress illi l-imsemmija proceduri gudizzjarji gew istitwiti wkoll kontra s-socjeta` rikorrenti Elmo Insurance Limited, l-istess*

*socjeta` nkorriet spejjez gudizzjarji fl-ammont kumplessiv ta' mija u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€170.43).*

*3. Fil-fatt gara li, fis-27 ta' Awwissu 2020, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBI 992, propjeta` tal-intimat u assikurata mis-socjeta` rikorrenti, waqt li kienet qieghda tinstaq minnu, sfat involuta f'incident awtomobilistiku fi Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Ghawdex, mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DCA 439, porpjeta` ta' terzi.*

*4. Gara izda, li l-intimat ma kellux licenzja valida tas-sewqan meta sehh l-incidenti awtomobilistiku de quo. Ghalhekk, huwa ma kienx kopert mill-imsemmija polza. Cio` nonostante, is-socjeta` rikorrenti ma setghetx ma thallasx lit-terz una volta kienu sodisfatti d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt ghamlet.*

*5. Illi permezz tal-ittra ufficjali taghha tal-24 ta' Marzu, 2021, is-socjeta` rikorrenti inter alia wissiet lill-intimat bil-konsegwenzi kollha tal-inadempjenzi kuntrattwali tieghu una volta kienu sodisfatti fil-konfront taghha d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*6. In vista tal-premess, dan l-Onorabbli Tribunal ghandu ghalhekk jiddikjara lill-intimat inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali tieghu u jghaddi sabiex jikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma kumplessiva ta' elfejn, sitta u erbghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,064.45), rapprezentanti rifuzjoni tal-hlasijiet maghmula minnha qua assikuratur koncernat rizultat tal-incident awtomobilistiku de quo.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu, 2021, u bl-imghax legali b'effett mil-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt ghas-subizzjoni.*

Ra li l-konvenut kien debitament innotifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-Avviz tas-Smiegh u ma pprenzenta ebda risposta u lanqas deher sabiex jikkontesta l-kawza.

Ra li fit-2 ta' Frar, 2024, giet ipprezentata dikjarazzjoni guramentata ta' George Stagno Navarra, qua rapprezentat tas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-ammont ta' elfejn, sitta u erbghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,046.45) ghadu dovut;

Ra li fl-udjenza tal-20 ta' Marzu, 2024, il-konvenut baqa' ma deherx.

It-Tribunal jidhirlu li t-talba attrici giet sodisfacentement ippruvata fil-kontumacja tal-konvenut.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici is-somma ta' elfejn, sitta u erbghin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€2,046.45), bl-ispejjez kontra l-konvenut, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
*Gudikant*

(ft.) Margaret De Battista
*Assistent Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratu